Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2025/6584

10.12.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-4 ta’ Diċembru 2025

## li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għal Malta

(C/2025/6584)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tat-28 ta’ Marzu 2023 ([2]), il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta’ April 2023 sal-31 ta’ Marzu 2027.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Silvio FARRUGIA sar vakanti siġġu ta’ membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.

(3) Il-Gvern ta’ Malta ddeżinja kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sa Josianne CUTAJAR hija maħtura membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sur Silvio FARRUGIA għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta’ Marzu 2027.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta’ Diċembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

T. DANIELSEN

([1]) ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Marzu 2023, li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) (ĠU C 116, 31.3.2023, p. 19).